MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Numru. 915/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Michael Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Michael Attard, bin Fortunato u Mary Anne neé Vella, imwieled fid-19 ta' Awwissu 1958 u residenti fil-fond Sunny, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 42358(G) li gie akkuzat talli nhar il-Hadd 8 ta' Mejju

2011 ghal habta ta’ 16:30hrs fl-inhawi ta’ Wied l-Infern, limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

1. zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll jew garr barra minn xi fond jew fid-ditorni tieghu l-armi tan-nar Mossberg S/N T214647 u ohra b’Ghamla u Serial No. mhux maghruf, jew munizzjonj elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-armi Kapitlu 480 u dan bi ksur tad-dispozizzzjonijiet ta’ l-artikolu 5(1) tal-Kap 480;

2. bhala l-persuna licenzjata biex ikollu fil-pussess tieghu arma tan-nar, naqas josserva l-kundizzjonijiet tal-licenzja moghtija lilu meta ma zammx l-armi ta-nar Mossberg S/N T214647 u ohra b’Ghamla u Serial No. mhux maghruf, fil-post fejn hu licenzjat li jzomm din l-arma bi ksur tar-regolament 27(1) tal-Att dwar l-Armi. Kapitolu 480;

3. abbanduna u ma zammx fil-kustodja tieghu b’tali mod li ma tigix f’idejn haddiehor l-arma tan-nar Mossberg S/N T214647 u ohra b’Ghamla u Serial No. mhux maghruf li kienu ikkargati bl-iskratacc u minghajr ghata u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artiklu 47 (1) tal-Att dwar armi Kapitlu 480

4. zamm jew garr armi tan-nar Mossberg S/N T214647 u ohra b’Ghamla u Serial No. mhux maghruf li kienu kkargati u bl-iskratacc fil-kompartiment taghhom u barra mill-ghata taghhom f’post fejn ma kienx permess l-isparar fuq kacca u dan bi ksur tar-regolament 17 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

5. minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamel bidliet jew ittanta jaghmel tibdiliet fl-armi tan-nar Mossberg S/N T214647 u ohra b’Ghamla u Serial No. mhux maghruf hekk li tinbidel il-klassifikazzjoni ta’ dawk l-armi tan-nar u dan bi ksur tar-regolament 45(1) tal-Att dwar l-Armi Kapitolu 480;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tordna konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta’ kull

licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra li taghti l-piena taht ir-regolamenti 49 (2) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat, tordna il-konfiska tal-Corpus Delicti u bis-sahha tar-regolamenti ghal zmien mhux inqas minn sena;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-amissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement ippruvati;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikoli 5 (1), 27 (1), 45 (1) u 47 (1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' seba' mitt ewro (€ 700.00);

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' Dok E u F.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------